# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-GIMGHA 18 ta' Frar, 2000 .

### Citazzjoni numru : 232/1999 G1 (PC)

**Carmel Scicluna .**
**VS**
**Direttur tar-Registru Pubbliku .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur wara li ppremetta :**

**Illi fl-att tat-twelid tieghu li jgib in-numru progressiv tal-iskrizzjoni erba' mija u sebgha u hamsin tas-sena elf disa' mija u tletin (457/1930) fit-taghrif dwar missier it-tarbija, fil-kolonna intestata *isem u kunjom,* kif ukoll fit-taghrif dwar l-omm, il-kunjom ta' missier l-attur huwa erronejament indikat bhala *Xicluna* filwaqt illi dan il-kunjom kellu jigi bhala *Scicluna* billi dejjem hekk gie spellut .**

**Illi huwa kif ukoll missieru dejjem uzaw il-kunjom *Scicluna* kemm ghalihom infushom kif ukoll ghall-familji rispettivi taghhom, b'liema kunjom huma gew ukoll konsistentement imsejha .**

**Illi huwa ghandu interess illi kunjomu jigi spellut sewwa u cioe' bhala *Scicluna .***

**Talab lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi minn din l-Onorabbli Qorti kkoregut l-att tat-twelid tieghu li jgib in-numru progressiv tal-iskrizzjoni erba' mija u sebgha u hamsin tas-sena elf disa' mija u tletin (457/1930) billi fit-taghrif dwar il-missier it-tarbija, fil-kolonna intestata *Isem u kunjom* , kif ukoll fit-taghrif dwar l-omm, fejn il-kunjom ta' missier l-attur huwa erronejament indikat bhala *Xicluna* jissostitwieh bil-kunjom *Scicluna .***

**Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur debitament ikkonfermata bil-gurament tal-istess attur .**

**Rat ukoll id-dokumenti esebiti ma' l-istess citazzjoni .**

**Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :**

**Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti tal-kaz u ghal hekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u sodisfacenti skond il-ligi .**

**Illi huwa m'ghandux ibati spejjez .**

**Salvi eccezzjonijiet ohra .**

**Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Dr. Mary Debono, Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .**

**Semghet lill-attur jikkonferma bil-gurament tieghu waqt is-seduta l-kontenut tac-citazzjoni .**

**Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha esebiti mac-citazzjoni, wara li ikkunsidrat ukoll li kif qal l-istess attur fix-xhieda tieghu, huwa dejjem kien maghruf bil-kunjom Scicluna jibdew bl-ittri SCICLUNA u mhux Xicluna bl-X, il-Qorti jidhrilha li t-talba hija gustifikata, u tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici u tikkundanna lill-konvenut jikkoregi l-att tat-twelid ta' l-attur li jgib in-numru progressiv tal-iskrizzjoni erba' mija u sebgha u hamsin tas-sena elf disa' mija u tletin (457/1930) billi fit-taghrif dwar missier it-tarbija, fil-kolonna intestata *isem u kunjom,* kif ukoll fit-taghrif dwar l-omm, fejn il-kunjom ta' missier l-attur huwa erronejament indikat bhala *Xicluna* jissostitwieh bil-kunjom *Scicluna* SC .**

**Minhabba n-natura ta' din il-kawza, ma ghandux ikun hemm spejjez.**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**
S23299Pc
(452 words)